# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MAZÁK

ippreżentati fit-8 ta' Lulju 2010[1]

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill- Verwaltungsgericht Schwerin (Qorti Amministrattiva Schwerin) (Il-Ġermanja) qed jintalab li tingħata interpretazzjoni tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003[2]. Essenzjalment, fil-kawża prinċipali, A. Grootes għandu tilwima mal-Amt für Landwirtschaft Parchim (Uffiċċju għall-Agrikoltura f'Parchim; iktar 'il quddiem l-"Amt") rigward l-istatus li għandu jingħata lil biċċa art (iktar 'il quddiem l-"art inkwistjoni"), jiġifieri jekk hijiex art li tinħarat jew art għall-mergħa. Din il-kwistjoni hija rilevanti sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tad-drittijiet għall-pagament[3].

## I — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

2. Ir-Regolament jipprovdi għal forma ta' appoġġ għad-dħul dirett imsejħa l-iskema ta' pagament uniku (iktar 'il quddiem l-"iSPU"). L-Artikolu 40 tar-Regolament huwa intitolat "Każijiet ta' tbatija" u jistipula:

"1. B'deroga mill-Artikolu 37 bidwi illi l-produzzjoni tiegħu kienet milquta ħażin matul il-perijodu ta' referenza minħabba każ

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 319/2006 (ĠU 2006 L 58, p. 32) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament"). Jista' jiġi rrilevat li dan ir-Regolament sa issa wassal għal għaxar talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-qrati nazzjonali: ara s-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2008, Jager, C-420/06, Ġabra p. I-1315; tas-16 ta' Lulju 2009, Horvath, C-428/07, Ġabra p. I-6355; tat-22 ta' Ottubru 2009, Elbertsen, C-449/08, Ġabra p. I-10241; tal-21 ta' Jannar 2010, van Dijk, C-470/08, Ġabra p. I-603; tal-20 ta' Mejju 2010, Harms, C-434/08, Ġabra p. I-4431, u l-kawżi pendenti li ġejjin: C-61/09 Niedermair-Schiemann (fejn jiena ppreżentajt il-konklużjonijiet tiegħi fil-11 ta' Mejju 2010); C-133/09, Uzonyi; C-153/09, Agrargut Bäbelin; Kawżi magħquda C-230/09 u C-231/09, Etling u Etling, u C-536/09, Omejc.

3 — Jidher li fil-Land Mecklenburg-Vorpommern l-ammont ibbażat fuq iż-żona applikabbli għal art li tinħarat huwa ta' EUR 308.50 kull ettaru, filwaqt li huwa biss ta' EUR 59.84 kull ettaru għal mergħa permanenti.

ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali li ġraw qabel jew waqt il-perijodu ta' referenza għandu dritt jitlob li l-ammont ta' referenza jkun kalkulat fuq il-bażi tas-sena jew snin kalendarji fil-perijodu ta' referenza li ma kienux milquta minn każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

[...]

3. Każ ta' *force majerure* [forza maġġuri] jew ċirkustanzi eċċezzjonali, bi prova rilevanti għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, għandhom ikunu notifikati bil-miktub lill-awtorità kompetenti mill-bidwi konċernat fi żmien terminu perentorju ffissat minn kull Stat Membru.

4. 'Force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti f'każi ta' per eżempju:

(a) il-mewt tal-bidwi;

(b) inkapaċità professjonali tal-bidwi li tieħu fit-tul;

(ċ) diżastru nazzjonali sever li jolqot ħażin l-art agrikola ta' l-azjenda;

(d) il-qerda aċċidentali tal-bini fejn jinżammu l-bhejjem ġo l-azjenda;

(e) epiżutija li tolqot parti jew il-bhejjem kollha tal-bidwi;

5. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw, '*mutatis mutandis*', għall-bdiewa li, matul il-perijodu ta' referenza, kienu taħt obbligi agri-ambjentali skont ir-Regolamenti [tal-Kunsill] (KEE) Nru 2078/92 [ĠU 1992 L 215, p. 85] u (KE) Nru 1257/1999 [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3 Vol. 25 p. 391] [...]

Fil-każ fejn l-obbligi jolqtu kemm il-perijodu ta' referenza kif ukoll il-perijodu msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skond kriterji

oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattattament ugawli bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni, ammont ta' referenza skond ir-regoli dettaljati li jrid jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' l-Artikolu 144(2)."

3. Il-Kapitolu 5, Sezzjoni 1, tar-Regolament, intitolat "Implimentazzjoni reġjonali mhux obbligatorja", jippermetti li l-Istati Membri jimplementaw l-iSPU f'livell reġjonali. Skont l-Artikolu 58(1) u (3) tar-Regolament, Stat Membru jista' jiddeċiedi li japplika l-iSPU pprovdut fil-Kapitoli 1 sa 4 f'livell reġjonali billi jissuddividi l-limitu msemmi fl-Artikolu 41 bejn ir-reġjuni skont kriterji oġġettivi.

4. L-Artikolu 59(1) tar-Regolament jistipula li "f'każijiet ġustifikati u skond kriterji oġġettivi l-Istat Membru jista' jiddividi l-ammont totali tal-limitu reġjonali stabbilit taħt l-Artikolu 58 jew parti minnu bejn il-bdiewa kollha li l-azjendi tagħhom jinsabu fir-reġjun konċernat, inklużi dawk li ma jilħqux il-kriterju tal-eliġibilità stabbilit fl-Artikolu 33". L-Artikolu 59(3) jipprovdi għal regola ta' kalkolu sabiex jiġu kkalkolati drittijiet f'każ ta' diviżjoni parzjali tal-ammont totali tal-limitu reġjonali.

5. Skont l-Artikolu 61 tar-Regolament, intitolat "Art mimlija ħaxix għall-mergħa", fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 59, l-Istati Membri, skond kriterji oġġettivi, jistgħu wkoll jistabbilixxu, fil-limitu reġjonali jew parti minnu, valuri differenti għal kull"unit" ta' drittijiet li għandhom jiġu allokati lill-bdiewa msemmija fl-Artikolu 59(1), għall-ettari konsistenti f'art mimlija ħaxix għall-mergħa fid-data pprovduta għall-applikazzjonijiet ta' għajnuna għaż-żona għall-2003 u għal kull ettaru ieħor eliġibbli jew b'mod alternattiv għall-ettari b'mergħa permanenti fid-data pprovduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona għall-2003 u għal kull ettaru ieħor eliġibbli.

6. Il-Kapitolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 795/2004 [4] jinkludi s-Sezzjoni 1, intitolata "Implimentazzjoni reġjonali". F'din is-sezzjoni, l-Artikolu 38(1) sa (3) jistipula numru ta' regoli dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 59(1) u (2) tar-regolament. L-Artikolu 38(4) tar-Regolament Nru 795/2004 jistipula li "l-Artikolu 40 [tar-Regolament] u l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis*".

4 — Regolament tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni li hemm provvediment dwaru fir-[Regolament Nru 1782/2003] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 226), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2004, tad-29 ta' Ottubru 2004 (ĠU 2004 L 345, p. 85) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 795/2004").

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

7. Skont il-paragrafu 2(1) tal-Liġi li timplementa l-iSPU (Betriebsprämiendurchführungsgesetz (BetrPrämDurchfG), iktar 'il quddiem il-"liġi implementattiva"), il-pagament uniku għandu jingħata fuq il-livell reġjonali b'effett mill-1 ta' Jannar 2005 skont ir-regoli dettaljati stipulati fil-liġi msemmija u fir-Regolament nazzjonali li jimplementa l-iSPU.

8. Il-paragrafu 5(1) tal-liġi implementattiva jistipula li l-ammont ta' referenza tal-pagament uniku, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59(1) u (3) tar-Regolament, meħuda flimkien, jikkonsisti, għal kull bidwi, f'ammont li huwa speċifiku għall-azjenda u ammont li huwa bbażat fuq id-daqs tal-art.

9. Il-paragrafu 5(3) tal-liġi implementattiva jistipula li "l-ammont ibbażat fuq id-daqs huwa għas-sena finanzjarja 2005 ikkalkolat abbażi ta' dan li ġej:

1. Is-somma tal-ammonti speċifiċi għall-azjenda ddefiniti fil-paragrafu 2 għal kull reġjun għandha titnaqqas minn kull limitu reġjonali korrispondenti stabbilit fil-paragrafu 4(1).

2. Il-parti rimanenti tal-limitu reġjonali, li wieħed jasal għaliha wara tnaqqis skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafu 1, għandha tiġi diviża skont l-Artikolu 59(3)(1) [tar-Regolament], bejn żoni li huma msemmija hemmhekk abbażi tan-numru ta' ettari, sakemm f'kull reġjun jiġi rispettat il-proporzjon stipulat fl-Anness 2 bejn l-ammont ibbażat fuq id-daqs għal kull ettaru eliġibbli, li, fil-15 ta' Mejju 2003, kien użat għal mergħa permanenti u l-ammont ibbażat fuq id-daqs għal kull ettaru eliġibbli għal żoni oħra [...]"

10. L-Anness 2 għal-liġi implementattiva jinkludi tabella bi proporzjonijiet li jeħtieġ li jiġu rrispettati bejn żoni intiżi għall-mergħa permanenti u dawk riżervati għal użi oħrajn, li, għal-Land Mecklenburg-Vorpommern, tistabbilixxi ratio ta' 1 għal żoni oħrajn u 0.194 għal mergħa permanenti.

11. Il-paragrafu 13(2) tal-liġi implementattiva jistipula li meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' referenza, l-ammont individwali ta' razzett u l-ammont ibbażat fuq iż-żona għandhom jiġu kkalkolati abbażi tas-sena kalendarja ta' qabel il-parteċipazzjoni fil-miżura agroambjentali.

## II — Il-fatti u d-domandi preliminari

12. Fl-1994 l-art inkwistjoni, li qabel kienet art li tinħarat, ġiet ikkonvertita f'art għall-mergħa sabiex tirċievi għajnuna għal użu għall-mergħa li minnu tibbenefika l-konservazzjoni tan-natura mis-Staatliches Amt für Umwelt und Natur Lübz (Uffiċċju tal-Istat għall-Ambjent u n-Natura ta' Lübz, iktar 'il quddiem l-"iStAUN").

13. Fl-1999 ġie konkluż kuntratt ta' amministrazzjoni ġdid mal-iStAUN abbażi tar-Regolament Nru 2078/92, li taħtu fil-perijodu minn Jannar 1999 sa Diċembru 2003 l-art inkwistjoni kellha tintuża bħala art għall-mergħa permanenti. Fl-1 ta' Ottubru 2002, A. Grootes, bi sħab ma' missieru ħa pussess tal-art inkwistjoni u, taħt ftehim supplimentari tat-3 ta' Marzu 2003, is-soċjetà assumiet id-drittijiet u l-obbligi taħt il-kuntratt tal-1999 b'effett mill-31 ta' Diċembru 2002. Sussegwentement A. Grootes beda jmexxi r-razzett waħdu.

14. L-art inkwistjoni ġiet ikkonvertita f'art li tinħarat u fir-rebbiegħa tal-2004 din ġiet miżrugħa bil-qamħirrun li jinħażen għall-għalf. B'ittra tas-6 ta' Mejju 2005 A. Grootes talab li d-drittijiet għall-pagament rigward l-art inkwistjoni jkunu bbażati fuq art li tinħarat minflok art għall-mergħa. B'avviż tas-27 ta' Frar 2006, l-Amt ittratta l-art inkwistjoni bħala art għall-mergħa permanenti. A. Grootes ikkontesta dan b'oġġezzjoni li finalment ġiet irrifjutata. L-awtoritajiet kompetenti rrifjutaw li jirrikonoxxu li ċ-ċirkustanzi kienu jammontaw għal każ ta' tbatija ("Härte" bil-Ġermaniż), peress li l-użu tal-art inkwistjoni għall-mergħa taħt il-programm tal-iStAUN, "użu tal-art għall-mergħa li minnu tibbenefika l-konservazzjoni tan-natura", ma kinitx miżura agroambjentali skont l-Artikolu 40(5) tar-Regolament moqri flimkien mal-paragrafu 13 tal-liġi implementattiva.

15. A. Grootes appella minn din id-deċiżjoni u issa qed isostni li l-Amt għandu jirrikonoxxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament bħala li huma bbażati fuq art li tinħarat. Il-qorti tar-rinviju tinnota li, abbażi tal-Artikolu 61 tar-Regolament moqri flimkien mal-paragrafu 5(3)(2) tal-liġi implementattiva, il-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet għall-pagament għal żoni agrikoli għandhomx jiġu deċiżi abbażi ta' art li tinħarat jew art għall-mergħa tiġi ddeterminata fil-Ġermanja skont l-użu korrispondenti fil-15 ta' Mejju 2003. Madankollu, f'din id-data l-art inkwistjoni kienet tikkostitwixxi art għall-mergħa. Għalhekk, ir-rikonoxximent ta' drittijiet għall-pagament ibbażati fuq art li tinħarat huwa possibbli biss sakemm ikun

hemm "tbatija" skont it-tifsira tal-Artikolu 40 tar-Regolament.

16. Għalhekk, peress li tqis li l-eżitu tal-kawża prinċipali jiddependi mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li huwa neċessarju li tagħmel id-domandi għal deċiżjoni preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. Ir-rikonoxximent ta' ċirkustanzi li jammontaw għal każ ta' tbatija fis-sens tal-Artikolu 40(5) [tar-Regolament], fir-rigward ta' ammont ikkalkolat skont iż-żona, jista' japplika wkoll fil-każ ta' miżura agroambjentali li l-effetti tagħha baqgħu jissussistu sal-15 ta' Mejju 2003 u li tikkostitwixxi biss iż-żamma ta' użu kontinwu bħala mergħat (permanenti), iżda li tinsab temporanjament konnessa — mingħajr soluzzjoni ta' kontinwità jew tal-inqas 'mingħajr dewmien' — ma' miżura preċedenti li kellha bħala għan il-konverżjoni ta' art li tinħarat f'mergħat permanenti?

2. F'każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1:

Ir-rikonoxximent ta' ċirkustanzi li jammontaw għal każ ta' tbatija fis-sens tal-Artikolu 40(5) [tar-Regolament], fir-rigward ta' ammont ikkalkolat skont iż-żona, jista' japplika biss fil-każ ta' bdil tal-użu ta' żona (minħabba l-konverzjoni minn art li tinħarat f'mergħat), fil-kuntest ta' (u preċiżament minħabba) parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq?

3. Ir-rikonoxximent ta' ċirkustanzi li jammontaw għal każ ta' tbatija fis-sens tal-Artikolu 40(5) [tar-Regolament], huwa suġġett għall-fatt li l-bidwi applikant huwa wkoll dak li pproċeda għall-konverżjoni, jew jista' bidwi ieħor li 'assumi' sussegwentement il-miżura agroambjentali, isostni b'suċċess ċirkustanzi li jammontaw għal każ ta' tbatija?"

## III — Il-kunsiderazzjonijiet

oriġinarjament biddel l-użu ta' dik l-art, ma tantx huma rilevanti.

### A — *L-argumenti prinċipali tal-partijiet*

17. Il-Kummissjoni essenzjalment issostni li, minħabba l-għan u l-istruttura tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament, iż-żewġ kuntratti inkwistjoni għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu oġġett wieħed. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Kummissjoni essenzjalment tikkontendi li hija biss il-preżenza ta' rabta kawżali bejn il-bidla fl-użu tal-art inkwistjoni u l-parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali li tagħmilha possibbli, fil-kalkolu tal-ammont ta' drittijiet għall-pagament, li ma jiġix ikkunsidrat il-fatt li fid-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 61 tar-Regolament dik l-art kienet effettivament għadha tintuża għall-mergħa permanenti. Fir-rigward tat-tielet domanda, il-Kummissjoni issostni effettivament li għall-iskopijiet tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament flimkien mal-Artikolu 61 l-identità tal-bidwi li jkollu f'idejh l-art matul il-perijodu kkonċernat (li l-użu tagħha ġie mibdul minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali) u l-identità tal-bidwi li

18. A. Grootes essenzjalment isostni li, li kieku l-Ġermanja għażlet li timplementa l-mudell storiku tal-iSPU, l-Artikolu 40(5) tar-Regolament kien ikun direttament applikabbli għalih. Abbażi tal-ispirtu u l-għan ta' din id-dispożizzjoni, huwa jiddeduċi li l-implementazzjoni ta' skema prevista minn din id-dispożizzjoni fil-kuntest tal-mudell reġjonali ma għandhiex twassal għal riżultat differenti. Fl-argument tiegħu, A. Grootes jasal għall-konklużjoni li għall-iskopijiet tal-każ preżenti ma huwiex rilevanti jekk dak li hemm kwistjoni dwaru huwiex l-ewwel miżura agroambjentali jew miżura li hija kontinwazzjoni tagħha. Fir-rigward tat-tieni domanda, A. Grootes isostni essenzjalment li l-uniku fattur deċiżiv huwa l-fatt li, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-miżura agroambjentali, il-persuna kkonċernata ma setgħetx tagħmel użu mill-art ħlief bħala art għall-mergħa. Fir-rigward tat-tielet domanda, A. Grootes isostni effettivament li għall-iskopijiet tal-każ preżenti ma huwa ta' ebda rilevanza li bdiewa oħrajn qabel kienu

jużaw l-art inkwistjoni għal biedja b'rabta ma' miżura agroambjentali.

se jsib ruħu fl-istess pożizzjoni legali bħall-predeċessur tiegħu.

B — *Analiżi*

1. L-ewwel domanda

19. Il-Gvern Ġermaniż isostni li d-data ta' referenza korretta hija l-15 ta' Mejju 2003. Isegwi li l-ewwel domanda għandha tingħatalha risposta fis-sens li l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali għandha tkun preżunta meta l-produzzjoni ta' bidwi kienet affettwata minn miżura agroambjentali matul il-perijodu ta' referenza, jiġifieri fil-15 ta' Mejju 2003, inkluż f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-fatt li anki qabel ma daħlet fis-seħħ il-miżura agroambjentali, l-art għall-mergħa permanenti kienet diġà tappartjeni għall-azjenda u li ż-żamma tagħha bħala art għall-mergħa kienet appoġġjata mill-miżura agroambjentali ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika r-rikonoxximent ta' każ ta' tbatija taħt l-Artikolu 40(5). Ma huwiex suffiċjenti wkoll f'dan ir-rigward li l-bidwi kkonverta l-art għall-mergħa permanenti bil-għan li sussegwentement jipparteċipa f'miżura agroambjentali maħsuba sabiex tinżamm art għall-mergħa permanenti. Fir-rigward tat-tielet domanda, il-Gvern Ġermaniż isostni li fejn l-art tiġi ttrasferita lil bidwi li jaqbel li jassumi obbligi li jkunu ġew assunti b'rabta ma' miżura agroambjentali, il-bidwi jista' jippretendi li ma jiġix ittrattat b'mod inqas favorevoli mill-predeċessur tiegħu u li huwa

20. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali — fejn art tintuża bħala art għall-mergħa fil-kuntest ta' miżura agroambjentali li kienet fis-seħħ fid-data ta' referenza prevista fl-Artikolu 61 tar-Regolament u li tikkostitwixxi sempliċement iż-żamma ta' użu (permanenti) bħala art għall-mergħa, imma li hija marbuta ħaġa waħda fiż-żmien ma' miżura agroambjentali li taħtha saret il-konverżjoni minn art li tinħarat għal art għall-mergħa permanenti — l-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament għandux jiġi interpretat abbażi ta' evalwazzjoni globali tal-miżura agroambjentali preċedenti u ta' dik li ġiet warajha.

21. Bħala punt ta' prinċipju, huwa ċar mill-Artikolu 40(5) tar-Regolament li l-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 40 japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-bdiewa li, matul il-perijodu ta' referenza, kienu taħt obbligi agroambjentali b'mod konformi mar-Regolamenti Nru 2078/92 u Nru 1257/1999.

22. Kif ġie rrilevat mill-Gvern Ġermaniż, fid-dawl tal-ewwel domanda rrinvjata għandu jiġi kkunsidrat li l-eżistenza ta' tali obbligi ġiet stabbilita. Barra dan, ma hemm xejn fl-Artikolu 40(5) li jissuġġerixxi li din trid tkun miżura agroambjentali li ttieħdet għall-ewwel darba jew li miżura "konnessa ħaġa waħda fiż-żmien [...] ma' miżura li taħtha saret il-konverżjoni minn art li tinħarat għal art għall-mergħa permanenti" għandha tiġi eskluża [5].

23. L-ewwel nett, l-Artikolu 37 tar-Regolament jistipula regola ġenerali għall-kalkolu tal-ammont ta' referenza, li essenzjalment hija l-medja ta' tliet snin tal-ammonti totali ta' pagamenti li l-bidwi jingħata taħt l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Anness VI tar-Regolament, ikkalkolata u aġġustata skont l-Anness VII, f'kull sena kalendarja tal-perijodu ta' referenza li jinkludi s-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 [6] (iktar 'il quddiem, il-"mudell storiku' tal-iSPU"). Il-bidwi jirċievi dritt għall-pagament għal kull ettaru li jiġi kkalkolat billi l-ammont ta' referenza jiġi diviż bin-numru medju għal tliet snin tal-ettari kollha li fil-perijodu ta' referenza taw dritt għall-pagamenti diretti elenkati fl-Anness VI.

24. Madankollu, il-Ġermanja għażlet il-"mudell reġjonali" tal-iSPU [7]. Essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet għall-pagament għal żoni agrikoli għandhomx jiġu deċiżi abbażi tal-art li tinħarat jew tal-art għall-mergħa tiġi ddeterminata skont l-użu relattiv fil-15 ta' Mejju 2003 [8].

25. Kif ġie rrilevat mill-qorti tar-rinviju, f'dik id-data l-art inkwistjoni kienet tikkostitwixxi

5 — Huwa ta' interess il-fatt li l-Gvern Ġermaniż innota li fil-leġiżlazzjoni tal-Länder, li huma liberi li jaddattaw il-miżuri agroambjentali li huma joffru, wieħed jista' jsib kemm miżuri li jappoġġjaw il-konverżjoni ta' art li tinħarat f'art għall-mergħa permanenti kif ukoll miżuri li jinkoraġġixxu ż-żamma ta' art għall-mergħa li diġà teżisti, li legalment tista' tintuża mod ieħor.

6 — Ara l-Artikolu 38 tar-Regolament.

7 — F'dan il-każ, ibbażat fuq l-Artikolu 59(3) tar-Regolament. Dwar il-mudell reġjonali versus mudelli storiċi ara R. Norer, *Rechtsfragen der Reform der Gemeinsamen Agrarpolitik 2003, Einheitliche Betriebsprämie und Cross Compliance in europa-, verfassungs-, verwaltungs- und zivilrechtlicher Analyse*, NWV, Wien — Graz, 2007, *inter alia* p. 78-89.

8 — Ara l-Artikolu 61 tar-Regolament flimkien mal-paragrafu 5(3)(2) tal-Liġi Implementattiva. Fid-dawl tad-domandi rrinvjati, huwa biss l-hekk imsejjaħ ammont ibbażat fuq iż-żona tal-art taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 59(3) tar-Regolament li huwa rilevanti hawnhekk.

art għall-mergħa [9]. Għalhekk, id-drittijiet għall-pagament ibbażati fuq art li tinħarat mitluba minn A. Grootes ma setgħux jiġu rrikonoxxuti sakemm ma kienx hemm tbatija jew ċirkustanzi eccezzjonali fis-sens tal-Artikolu 40 tar-Regolament [10].

26. Il-Kummissjoni korrettament tirrileva li l-Artikolu 61 tar-Regolament ma jagħmel ebda riferiment għall-Artikolu 40 [11]. L-Artikolu 61 tar-Regolament, fis-Sezzjoni 1 "Implimentazzjoni reġjonali" tal-Kapitolu 5 fit-Titolu III dwar l-iSPU, jistipula regoli dettaljati biex tiġi stabbilita d-data ta' referenza li trid tiġi kkunsidrata u ma jħalli ebda diskrezzjoni lill-Istati Membri għal meta dawn jiddeterminaw il-perijodu ta' referenza. Minn dan isegwi li l-leġiżlatura tal-Komunità la stabbiliet regoli formali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament rigward skemi ta' appoġġ dirett fil-qafas tal-Artikolu 61 u lanqas ma tat il-poter lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għall-applikazzjoni tagħha taħt il-liġi nazzjonali.

27. Madankollu, jidher li huwa xieraq li l-Artikolu 40(5) tar-Regolament jiġi applikat fil-qafas tal-Artikolu 61 b'analoġija [12].

28. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jinnota li l-għan tad-dispożizzjoni dwar tbatija jew ċirkustanzi eċċezzjonali fl-Artikolu 40(5) tar-Regolament huwa li jiġi żgurat li l-bdiewa li pparteċipaw fil-miżuri ambjentali tal-UE fis-settur agrikolu mill-2000 sal-2002 ma jiġux milquta ħażin mill-obbligi tagħhom li jwettqu l-estensifikazzjoni. Tali effett negattiv jista' jseħħ meta l-produzzjoni matul il-perijodu rilevanti għall-kalkolu tal-ammont ta' referenza ġiet affettwata b'mod negattiv minħabba l-parteċipazzjoni fil-miżura agroambjentali. Huwa wkoll possibbli — bħal f'dan il-każ — li b'riżultat tal-konverżjoni ta' art li tinħarat f'art għall-mergħa b'mod konformi ma' obbligu b'rabta ma' miżuri agroambjentali, il-bidwi jingħata ammont iżgħar ta' drittijiet għall-pagament

9 — Il-kuntratt ta' amministrazzjoni tal-1999, inkluż il-ftehim supplimentari tat-3 ta' Marzu 2003, wasal fi tmiemu fil-31 ta' Diċembru 2003.

10 — Fir-rigward tal-problemi numerużi fil-kuntest ta' tibdil f'azjendi u f'każijiet ta' tbatija, ara S. Krämer, *Die Berücksichtigung von Betriebsübergaben und Härtefällen im Rahmen der Agrarreform 2003*, Agrar- und Umweltrecht, 35. Jahrg. (2005), Heft 12, p. 381-387.

11 — Għall-kuntrarju tal-Artikoli 59 u 60 tar-Regolament. Barra dan, l-Artikolu 58 jistipula li l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iSPU previst fil-Kapitoli 1 sa 4 fuq livell reġjonali "taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima".

12 — Ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Koninklijke Coöperatie Cosun, C-248/04, Ġabra p. I-10211, punti 48 sa 52, li tiċċita s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1985, Krohn, 165/84, Ġabra p. 3997, punt 14. Fis-sentenza Krohn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "negozjanti huma ntitolati li jinvokaw l-applikazzjoni b'analoġija ta' regolament li normalment ma jkunx applikabbli għalihom jekk jistgħu juru li r-regoli applikabbli għall-każ tagħhom: [...] [i] huma simili ħafna għal dawk li qed tfittex li jiġu applikati b'analoġija; u [...] [ii] jinkludu ommissjoni li hija inkompatibbli ma' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju u li jista' jiġi rrimedjat bl-applikazzjoni b'analoġija ta' dawk ir-regoli l-oħrajn" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

ibbażati fuq iż-żona minn kif kien ikun il-każ mingħajr dik il-konverżjoni.

29. Għalhekk filwaqt li dawn il-preokkupazzjonijiet ġew imqajma espliċitament b'rabta mal-mudell storiku tal-iSPU, xorta jibqa' l-fatt li huwa possibbli li l-użu tal-art inkwistjoni bħala art għall-mergħa permanenti fid-data prevista fl-Artikolu 61 tar-Regolament (fil-mudell reġjonali) huwa bbażat fuq l-istess tip ta' obbligi. Għalhekk, għall-iskopijiet tal-każ preżenti, iż-żewġ sistemi legali jistgħu jiġu kkunsidrati bħala simili ħafna.

30. Tabilħaqq, il-Gvern Ġermaniż irrileva korrettament li l-għan inerenti għall-Artikolu 40(5) huwa li jiġu protetti l-aspettattivi leġittimi tal-bdiewa kif ukoll, għandu jingħad, iċ-ċertezza legali.

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fis-sentenza Nijemeisland [13], każ relattiv għar-Regolamenti Nru 795/2004 u Nru 1782/2003, li "il-prinċipju ta' ċertezza legali, prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, jeħtieġ li leġiżlazzjoni Komunitarja imposta fuq l-individwi tkun ċara u preċiża b'mod li dawn ikunu fil-pożizzjoni li jsiru jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità kif ukoll li konsegwentement josservaw id-dispożizzjonijiet tagħha [...] fil-kawża prinċipali, H.J. Nijemeisland aċċetta, mingħajr kontestazzjoni u mingħajr ma rrikonoxxa l-kolpevolezza tiegħu stess, is-sanzjoni li tirrigwarda, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak il-perijodu, it-telf tal-primjum matul sena kalendarja. F'dan il-perijodu, kien impossibbli għalih li jipprevedi li d-deċiżjoni tiegħu seta' kellha konsegwenzi fuq il-pagamenti diretti futuri skont leġiżlazzjoni adottata fl-2003. Fil-fatt, qabel id-dħul fis-seħħ [tar-Regolament] [H.J. Nijemeisland] ma setax jipprevedi li l-esklużjoni tiegħu milli jirċievi l-primjum kien ser ikollha rwol fuq l-ammont tal-pagament uniku u b'hekk setgħet twassal għal konsegwenzi finanzjarji li kienu sfavorevoli għalih għal diversi snin".

32. Fis-sentenza von Deetzen [14], pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "meta [...] produttur, bħal fil-każ preżenti, ikun ġie mħeġġeġ permezz ta' miżura Komunitarja li jissospendi t-tqegħid fis-suq [ta' ħalib u ta' prodotti tal-ħalib] għal perijodu limitat fl-interess ġenerali u għall-ħlas ta' primjum, hu jista' leġittimament jippretendi li ma jkunx suġġett, mal-iskadenza tal-impenn tiegħu, għal restrizzjonijiet speċifiċi preċiżament għax hu għamel użu mill-possibbiltajiet offruti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

13 — Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, C-170/08, Ġabra p. I-5127, punti 44 u 45. Fil-punt preċedenti il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċita, b'mod partikolari s-sentenza tad-9 ta' Lulju 1981, Gondrand u Garancini, 169/80, Ġabra p. 1931, punt 17.

14 — Sentenza tat-28 ta' April 1988, 170/86, Ġabra p. 2355, punt 13. Ara wkoll is-sentenza tat-28 ta' April 1988, Mulder, 120/86, Ġabra p. 2321, punt 24.

33. Fl-aħħar nett, nirrileva li l-leġiżlatur Komunitarju stipula fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament Nru 795/2004 li fil-kuntest tal-mudell reġjonali l-Artikolu 40 tar-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

34. Il-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq jimmilitaw favur l-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament fil-qafas tal-Artikolu 61.

35. B'riferiment speċifiku għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tgħid li hemm dubju f'każijiet meta ma tkunx miżura agroambjentali fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2003 li tkun wasslet biex art li tinħarat tinqala' u tiġi kkonvertita għal art għall-mergħa iżda l-miżura rilevanti tkun kontinwazzjoni ("żamma") ta' miżura agroambjentali oħra — bl-istess mod miżura skont ir-Regolamenti Nru 2078/92 jew Nru 1257/1999 — li wasslet għall-konverżjoni ta' art li tinħarat għal art għall-mergħa [15] Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li hija konxja li l-kuntratt ta' amministrazzjoni tal-1999, li kien għadu fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2003 u li, skont il-kuntratt, kien ġie konkluż "b'mod konformi mar-Regolament Nru 2078/92", kien ġie konkluż wara kuntratt preċedenti, li wkoll kien ikopri perijodu ta' ħames snin. Fl-1994, meta kien beda l-kuntratt preċedenti, jingħad li l-art inkwistjoni inħartet u ġiet ikkonvertita minn art li tinħarat għal art għall-mergħa (permanenti).

36. Jien naqbel mal-Kummissjoni li, fid-dawl tal-għan [16] u tal-istruttura tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament, iż-żewġ kuntratti inkwistjoni għandhom jiġu kkunsidrati li jiffurmaw ħaġa waħda, inkwantu t-tnejn li huma jagħmlu riferiment għal impenn favur miżuri għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament u t-tnejn huma magħqudin ħaġa waħda fiż-żmien. Tabilħaqq, kif ġie rrilevat mill-Gvern Ġermaniż, f'dan ir-rigward il-kundizzjoni primarja hija li l-miżura agroambjentali oriġinali tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 40(5) tar-Regolament.

37. Għalhekk f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri fejn art tintuża għall-mergħa b'rabta ma' miżura agroambjentali li kienet fis-seħħ fid-data ta' referenza prevista fl-Artikolu 61 u li tikkostitwixxi sempliċement iż-żamma ta'

15 — F'dan ir-rigward, fl-eventwalità ta' "konnessjoni diretta" ta' miżura ta' segwitu mal-miżura agroambjentali li twassal biex tinħarat l-art, dokument ippubblikat mill-Bundesministerium für Verbraucherschutz, Ernährung und Landwirtschaft (Il-Ministeru Federali għall-Ħarsien tal-Konsumatur, Ikel u Agrikoltura) fil-Ġermanja ("Meilensteine der Agrarpolitik", 2006, paragrafu 100) jistipula li jkun possibbli li tiġi rikonoxxuta "tbatija".

16 — Kif sostnejt iktar 'il fuq, l-għan tiegħu huwa li jiġi żgurat li l-bdiewa li pparteċipaw f'miżuri ambjentali matul il-perijodu ta' referenza kkonċernat ma jsibux ruħhom ippenalizzati talli għamlu dan.

użu (permanenti) bħala art għall-mergħa, iżda li hija konnessa ħaġa waħda fiż-żmien ma' miżura agroambjentali li taħtha saret il-konverżjoni minn art li tinħarat għal art għall-mergħa permanenti, l-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat abbażi ta' evalwazzjoni globali tal-miżura agroambjentali preċedenti u ta' dik li ġiet warajha.

39. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tinnota li ma huwiex ċar fil-kuntest taddritt tal-Unjoni jekk — kif l-iStAUN jidher li jikkunsidra — tbatija jew ċirkustanzi eċċezzjonali jistgħux jiġu rrikonoxxuti biss fejn ikun stabbilit li bidla fl-użu minn art li tinħarat għal art għall-mergħa tkun saret esklużivament b'rabta mal-parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali. Il-qorti tar-rinviju tkompli tikkonstata li huma konċepibbli wkoll ċirkustanzi fejn — bħallikieku f'żewġ atti separati — bidwi jibda juża l-art għall-mergħa u jkun biss wara li jiddeċiedi li jużaha b'tali mod li huwa jaqa' fl-ambitu tal-possibiltajiet ta' għajnuna pprovvduti mill-miżura agroambjentali. Jekk imbagħad jipparteċipa f'miżura bħal din, dan ifisser li anki hu jiġi affettwat b'mod negattiv minn obbligi li jwettaq l-estensifikazzjoni.

2. It-tieni domanda

38. Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta affermattiva, kif fil-fatt ġara, fit-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 40(5) flimkien mal-Artikolu 61 tar-Regolament għandhomx jiġu interpretati bħala li jfissru li hija biss l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn it-tibdil fl-użu tal-art u l-parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali li tippermetti — fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tad-drittijiet għall-pagament ibbażat fuq iż-żona tal-art — li ma jiġix ikkunsidrat il-fatt li dik l-art kienet għadha tintuża bħala art għall-mergħa permanenti fid-data ta' referenza prevista mill-Artikolu 61 tar-Regolament.

40. Il-Kummissjoni hija korretta meta ssostni li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 40(5) tar-Regolament jidher li ma hijiex meħtieġa l-prova tal-eżistenza ta' rabta kawżali stretta bejn il-bidla fl-użu tal-art inkwistjoni u l-obbligi

agroambjentali [17]. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet li saru iktar 'il fuq, fil-kawża prinċipali l-Artikolu 40(5) tar-Regolament flimkien mal-Artikolu 61 huwa applikabbli b'analoġija abbażi tal-kunsiderazzjoni li l-persuna kkonċernata tuża l-art inkwistjoni b'mod partikolari u mhux mod ieħor — preċiżament — minħabba l-obbligi assunti b'rabta mal-implementazzjoni tal-miżuri agroambjentali. Kif essenzjalment sostnew il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, jekk il-persuna kkonċernata diġà kienet qed tuża l-art inkwistjoni bħala art għall-mergħa qabel ma assumiet l-obbligi tagħha li twettaq miżuri agroambjentali u indipendentement minnhom, f'dak il-każ, sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' referenza, l-art inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala li hija intiża għall-mergħa.

41. Għalhekk it-tieni domanda għandha tingħata risposta affermattiva, jiġifieri fis-sens li, fil-kuntest tar-regoli proċedurali applikabbli, prova ta' rabta kawżali bejn il-miżura agroambjentali u l-bidla fl-użu għandha tabilħaqq tiġi stabbilita. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi bosta dikjarazzjonijiet fis-sens li l-Istati Membri ma għandhomx jistipulaw regoli proċedurali li jagħmlu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (il-prinċipju ta' effettività) [18].

42. Għalhekk l-Artikolu 40(5) tar-Regolament flimkien mal-Artikolu 61 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-preżenza ta' rabta kawżali bejn il-bidla fl-użu tal-art u l-parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali waħedha hija suffiċjenti, fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont ta' drittijiet għall-pagament, biex ma jiġix ikkunsidrat il-fatt li fiż-żmien tad-data ta' referenza prevista fl-Artikolu 61 ta' dan ir-Regolament dik l-art kienet għadha effettivament tintuża bħala art għall-mergħa permanenti.

3. It-tielet domanda

43. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni jekk, taħt id-dritt tal-Unjoni, huwiex neċessarju li l-bidwi li jkun ħarat l-art li tinħarat ikun huwa stess il-persuna li

17 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(5) sempliċement jeżiġi li matul il-perijodu ta' referenza l-bdiewa jkunu taħt obbligi agroambjentali. It-tieni subparagrafu jeżiġi li l-obbligi inkwistjoni jkopru l-perijodi ta' referenza msemmija hemmhekk.

18 — Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1993, van Schijndel u van Veen, C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705, punt 17; is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-129/00, Ġabra p. I-14637, punt 25; is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 43, u s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et*, C-222/05 sa 225/05, Ġabra p. I-4233.

tinvoka t-tbatija jew ċirkustanzi eċċezzjonali taħt l-Artikolu 40(5). Fil-każ preżenti r-razzett li minnu nħoloq ir-razzett ta' A. Grootes sar parti mill-kuntratt tal-1999 (taħt il-ftehim supplimentari tat-3 ta' Marzu 2003) biss b'effett mill-31 ta' Diċembru 2002 — jiġifieri, biss għall-aħħar sena tal-applikazzjoni tiegħu.

44. Madankollu, il-qorti tar-rinviju korrettament tqis li anki f'każijiet bħal dawn huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li jiġu evitati l-effetti negattivi fuq dawk il-bdiewa li pparteċipaw f'miżura ambjentali tal-UE fis-settur agrikolu li tirriżulta f'obbligi li tiġi mwettqa estensifikazzjoni. Tabilħaqq, meta kuntratt ma jkunx fadallu ħafna biex jiskadi, b'mod partikolari, żona li hi suġġetta għal miżura agroambjentali (u r-restrizzjonijiet fuq l-użu assoċjati magħha) ħafna drabi tiġi meħudha bl-idea li terġa' tintuża fil-futur bħala art li tinħarat. Fil-każ preżenti dan l-użu l-ieħor kien seħħ fl-2004, meta tħawwel il-qamħirrun li jinħażen għall-għalf.

45. Kif sostna l-Gvern Ġermaniż, fejn art tiġi ttrasferita lil bidwi li jaqbel li jassumi obbligi assunti fil-kuntest ta' miżura agroambjentali, dak il-bidwi jista' jistenna li ma jiġix ittrattat b'mod inqas favorevoli mill-predeċessur tiegħu u li hu se jsib ruħu fl-istess pożizzjoni legali bħal dik tal-predeċessur tiegħu. Sakemm il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha jkunu ġew osservati, huwa għandu jkun f'pożizzjoni li jirnexxilu jinvoka tbatija jew ċirkustanzi eċċezzjonali taħt l-Artikolu 40(5) tar-Regolament flimkien mal-Artikolu 61.

46. Għalhekk l-Artikolu 40(5) tar-Regolament flimkien mal-Artikolu 61 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kwistjoni dwar jekk il-bidwi li ressaq talba għal drittijiet għall-pagament huwiex l-istess bidwi li għamel il-bidla fl-użu tal-art, ma hijiex deċiżiva.

## IV — Konklużjoni

47. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi preliminari tal-Verwaltungsgericht Schwerin kif ġej:

"1. F'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri fejn l-art tintuża għall-mergħa b'rabta ma' miżura agroambjentali li kienet fis-seħħ fid-data ta' referenza prevista fl-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u diversi regolamenti oħrajn u li tikkostitwixxi sempliċement iż-żamma ta' użu (permanenti) bħala art għall-mergħa, iżda li hija konnessa ħaġa waħda fiż-żmien ma' miżura agroambjentali li taħtha saret il-konverżjoni minn art li tinħarat għal art għall-mergħa permanenti, l-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat abbażi ta' evalwazzjoni globali tal-miżura agroambjentali preċedenti u ta' dik li ġiet warajha.

2. L-Artikolu 40(5) tar-Regolament Nru 1782/2003 flimkien mal-Artikolu 61 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-preżenza ta' rabta kawżali bejn il-bidla fl-użu tal-art u l-parteċipazzjoni f'miżura agroambjentali waħedha hija suffiċjenti, fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tad-drittijiet għall-pagament, biex ma jiġix ikkunsidrat il-fatt li fiż-żmien tad-data ta' referenza prevista fl-Artikolu 61 ta'

dan ir-Regolament dik l-art kienet għadha effettivament tintuża bħala art għall-mergħa permanenti.

3. L-Artikolu 40(5) tar-Regolament Nru 1782/2003 flimkien mal-Artikolu 61 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, il-kwistjoni dwar jekk il-bidwi li ressaq talba għal drittijiet għall-pagament huwiex l-istess bidwi li għamel il-bidla fl-użu tal-art, ma hijiex deċiżiva."